



2023/2172

17.10.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2172

tat-28 ta' Settembru 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Anness I, u d-dħul ta' kjarifika fl-Anness IV, tal-Ftehim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ⁽¹⁾ (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 ⁽²⁾.
- (2) Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 ⁽³⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (3) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.
- (4) L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.
- (5) Huwa xieraq li terġa' tiġi stabbilita l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli għall-iskemi tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Konfederazzjoni Żvizzera wara l-bidu tal-perjodu ta' negozjar il-ġdid fl-1 ta' Jannar 2021 billi jiġi emendat l-Anness I tal-Ftehim sabiex jiġu rifless tibdil regolatorju, inkluż il-kjarifiki meħtieġa fil-kriterji essenzjali stabbiliti f'dak l-Anness, u billi jiġi emendat l-Anness IV tal-Ftehim billi tiġi inkluża kjarifika sabiex jiġu evitati l-konfużjoni u n-nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' t-tifsira ta' informazzjoni sensittiva kif definita fl-Anness IV tal-Ftehim.
- (6) Il-Kumitat Konġunt, waqt is-sitt laqgħa tiegħu, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ser jadotta Deċiżjoni fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u IV tal-Ftehim.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u IV tal-Ftehim, billi l-Annessi emendati ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

⁽¹⁾ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom matul is-sitt laqgħa tiegħu, jew qabel permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

F. GRANDE-MARLASKA GÓMEZ

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2023 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABILIT BIL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IL-KOLLEGAMENT TAL-ISKEMI GĦALL-ISKAMBJU TA' KWOTI TAL-EMISSJONIJET TA' GASSIJET SERRA TAGĦHOM

ta' ...

fir-rigward tal-emendi tal-Anness I, u d-dħul ta' kjarifika fl-Anness IV, għall-Ftehim

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ⁽¹⁾ ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat Konġunt ⁽²⁾ issodisfa l-kundizzjonijiet għall-kollegament iffissati fil-Ftehim u ppermetta li l-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.
- (3) Fl-1 ta' Jannar 2021, beda perjodu ta' skambju ġdid fis-sistema tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u s-sistema tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Iżvizzera.
- (4) Il-perjodu l-ġdid tal-iskambju daħħal bidliet regolatorji fiż-żewġ sistemi tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.
- (5) Fid-dawl ta' żviluppi ewlenin fiż-żewġ sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 13(7) tal-Ftehim, jixraq li l-bidliet regolatorji jiġu riflessi billi jiġi emendat l-Anness I tal-Ftehim sabiex jiġi inklużi l-kjarifiki neċessarji fil-kriterji essenzjali stabbiliti f'dak l-Anness sabiex tinżamm il-kompatibilità taż-żewġ sistemi ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, tiġi żgurata l-integrità tas-suq, u tiġi eskluża d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (6) Id-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Konġunt tad-9 ta' Diċembru 2022 emendat l-Anness IV tal-Ftehim fir-rigward tal-marki tas-sigurtà. Biex jiġu evitati l-konfużjoni u n-nuqqas ta' ftehim, jixraq li dak l-Anness jiġi emendat aktar sabiex tiġi ċċarata t-tifsira ta' informazzjoni sensitiva b'kunfidenzjalità għolja u l-klassifikazzjoni tal-integrità fil-kuntest tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u IV tal-Ftehim huma sostitwiti bit-test li jinsab fl-Annessi I u IV fl-Appendiċi għal din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU UE L 322, 7.12.2017, p. 3.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom tal-5 ta' Diċembru 2019 li temenda l-Annessi I u II tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU UE L 314, 29.9.2020, p. 68).

Magħmul fi ..., fi ...

<i>Għall-Komitat Konġunt</i>	<i>Is-Segretarju għall-Unjoni Ewropea</i> <i>Il-President</i>	<i>Is-Segretarju għall-Iżvizzera</i>
------------------------------	--	--------------------------------------

—

Appendiċi

1. L-Anness I jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX I

KRITERJI ESSENZJALI

A. Kriterji essenzjali għal installazzjonijiet stazzjonarji

	Kriterji essenzjali	Fl-EU ETS	Fl-ETS tal-Iżvizzera
1.	In-natura obbligatorja tal-parteċipazzjoni fl-ETS	Il-parteċipazzjoni fl-ETS għandha tkun obbligatorja għall-installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet u li jemettu l-gassijiet serra (“GHG”) elenkati hawn taħt.	Il-parteċipazzjoni fl-ETS għandha tkun obbligatorja għall-installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet u li jemettu l-GHG elenkati hawn taħt.
2.	L-ETS għandha tkopri tal-anqas l-attivitajiet stabbiliti fi:	— L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.	— L-Artikolu 40(1) u l-Anness 6 tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2022.
3.	L-ETS għandha tkopri tal-anqas il-GHG stabbiliti fi:	— L-Anness II tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.	— L-Artikolu 1(1) tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2022.
4.	Għandu jiġi ffixxat limitu għall-ETS, li jkun tal-anqas strett daqs dak fi:	— L-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Il-fattur ta’ tnaqqis lineari ta’ 1,74 % fis-sena ser jiżdied għal 2,2 % fis-sena mill-2021, u ser japplika għas-setturi kollha skont id-Direttiva (UE) 2018/410, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.	— L-Artikolu 18(1) u (2) tal-Att tas-CO ₂ — L-Artikolu 45(1) u l-Anness 8, il-punt 1, tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2022. Il-fattur ta’ tnaqqis lineari huwa ta’ 2,2 % mill-2021.
5.	Il-mekkaniżmu ta’ stabbiltà tas-suq	Fl-2015, l-UE introduċiet ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814), li l-funzjonament tagħha ġie msaħħaħ bid-Direttiva (UE) 2018/410. Il-leġiżlazzjoni tal-UE ttiprovdi li, sal-15 ta’ Mejju ta’ kull sena mill-2017 ‘il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (it-TNAC). Din iċ-ċifra tistabbilixxi jekk jenhtiegħ li wħud mill-kwoti maħsuba għall-irkant jitqiegħdu fir-riżerva jew jinħarġu minnha.	— L-Artikolu 19(5) tal-Att tas-CO ₂ — L-Artikolu 48(1 ^{bis}) u (5) u l-Anness 8, il-punt 2, tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2022. Il-leġiżlazzjoni Żvizzera tipprevedi tnaqqis fil-volum tal-irkant skont l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni. Barra minn hekk, il-kwoti tal-emissjonijiet li ma jiġux assenjati għal irkant jiġu kkanċellati ma’ tmiem il-perjodu tal-iskambjar.

	Kriterji essenzjali	Fl-EU ETS	Fl-ETS tal-Iżvizzera
6.	Il-livell ta' ambizzjoni tal-ETS irid ikun tal-anqas strett daqs dawk fi:	<ul style="list-style-type: none"> — Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (MIFID II) — Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (MIFIR) — Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (MAR) — Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (CS-MAD) — Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (AMLD), kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. 	<ul style="list-style-type: none"> — L-Att Federali dwar l-Awtorità Żvizzera għas-Superviżjoni tas-Swieq Finanzjarji tat-22 ta' Ġunju 2007 — L-Att Federali dwar l-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji u l-Kondotta tas-Swieq fin-Negożjar tat-Title u d-Derivattivi tad-19 ta' Ġunju 2015 — L-Att Federali dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-15 ta' Ġunju 2018 — L-Att Federali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu tal-10 ta' Ottubru 1997, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim <p>Ir-regolamentazzjoni tas-suq finanzjarju Żvizzeru ma tiddefinixxix in-natura ġuridika tal-kwoti tal-emissjonijiet. B'mod partikolari, il-kwoti tal-emissjonijiet mhumiex kwalifikati bħala titoli fl-Att dwar l-Infrastruttura tas-Swieq Finanzjarji u għalhekk mhumiex negozjabbli f'ċentri tan-negożjar regolati. Billi l-kwoti tal-emissjonijiet ma jikkwalifikawx bħala titoli, ir-regolamentazzjoni Żvizzera dwar it-titoli ma tapplikax għan-negożjar ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-OTC fi swieq sekondarji. Skont l-Att dwar l-Infrastruttura tas-Swieq Finanzjarji, il-kuntratti tad-derivattivi jikkwalifikaw bħala titoli. Dan jinkludi wkoll derivattivi li jkollhom kwoti ta' emissjonijiet bħala l-istrument sottostanti tagħhom. Id-derivattivi OTC negozjati fuq kwoti tal-emissjonijiet bejn kontropartijiet mhux finanzjarji kif ukoll finanzjarji huma koperti mid-dispożizzjonijiet fl-Att dwar l-Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju.</p>
7.	Il-kooperazzjoni fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq	Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti xierqa ta' kooperazzjoni rigward is-sorveljanza tas-suq. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-infurzar ta' obbligi li jirriżultaw skont ir-reġim rispettiv tagħhom ta' sorveljanza tas-suq. Il-partijiet għandhom jinfurmaw lill-Kumitat Konġunt dwar kwalunkwe arranġament bħal dan.	
8.	Il-limiti kwalitattivi għall-krediti internazzjonali għandhom ikunu tal-anqas stretti daqs dawk stabbiliti fi:	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fid-dritt tal-Unjoni mill-2021 'il quddiem.	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fil-liġi Żvizzera mill-2021 'il quddiem.

	Kriterji essenzjali	fl-EU ETS	fl-ETS tal-Iżvizzera
9.	Il-limiti kwantitattivi għall-krediti internazzjonali għandhom ikunu tal-anqas stretti daqs dawk stabbiliti skont:	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fid-dritt tal-Unjoni mill-2021 'il quddiem.	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fil-liġi Żvizzera mill-2021' il quddiem.
10.	L-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' parametri referenzjarji u fatturi ta' aġġustament. Il-kwoti li ma jiġux allokati mingħajr ħlas għandhom jiġu rkantati jew žvalidati. Għal dak il-għan, l-ETS għandha tal-anqas tissodisfa:	<ul style="list-style-type: none"> — L-Artikoli 10, 10a, 10b, u 10c tad-Direttiva 2003/87/KE — Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif applikabbli fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025 — Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 — Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill — Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/708 tal-15 ta' Frar 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-determinazzjoni ta' setturi u sottosetturi meqjusa li jinsabu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu 2021–2030 — kwalunkwe fattur ta' korrezzjoni tranżettorjali fl-EU ETS fl-2021-2025 jew fl-2026-2030, — Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021. 	<ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 19 tal-Att tas-CO₂ — L-Artikolu 45(2) sa (6) u l-Artikoli 4, 46a, 46b u 48, u l-Anness 9, tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022. Matul il-perjodu mill-2021 sal-2025, l-allokazzjonijiet mingħajr ħlas ma jaqbżux il-livelli tal-allokazzjonijiet mingħajr ħlas mogħtija għall-installazzjonijiet fl-EU ETS.

	Kriterji essenzjali	fl-EU ETS	fl-ETS tal-Iżvizzera
11.	L-ETS għandha tipprevedi penali fl-istess ċirkostanzi u tal-istess daqs bħal daww stabbiliti skont:	— L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.	— L-Artikolu 21 tal-Att tas-CO ₂ — L-Artikolu 56 tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
12.	Il-monitoraġġ u r-rapportar fl-ETS għandhom ikunu tal-anqas stretti daqs daww previsti skont:	— L-Artikolu 14 u l-Anness IV tad-Direttiva 2003/87/KE — Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.	— L-Artikolu 20 tal-Att tas-CO ₂ — L-Artikoli minn 50 sa 53 u l-Annessi 16, il-punt 1, u 17, il-punt 1, tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
13.	Il-verifika u l-akkreditament fl-ETS għandhom ikunu tal-anqas stretti daqs daww previsti skont:	— L-Artikolu 15 u l-Anness V tad-Direttiva 2003/87/KE — Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.	— L-Artikoli minn 51 sa 54 tal-Ordinanza tas-CO ₂ , kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

B. Kriterji essenzjali għall-avjazzjoni

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
1.	In-natura obligatorja tal-parteċipazzjoni fl-ETS	Il-parteċipazzjoni fl-ETS għandha tkun obligatorja għall-attivitajiet tal-avjazzjoni skont il-kriterji elenkati hawn taħt.	Il-parteċipazzjoni fl-ETS għandha tkun obligatorja għall-attivitajiet tal-avjazzjoni skont il-kriterji elenkati hawn taħt.
2.	Il-kopertura ta' attivitajiet tal-avjazzjoni u ta' GHG u l-attribuzzjoni ta' titjiriet u l-emissjonijiet rispettivi tagħhom skont il-prinċipju tat-titjira li tkun sejra titlaq kif stabbilit fi:	— Id-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata bir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-13 ta' Diċembru 2017 biex tidderoga temporanjament l-infurzar fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn pajjiżi li magħhom ma ntlaħaqx ftehim skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE. — Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1071 tat-18 ta' Mejju 2020 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew	1. Kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura Titjiriet li jaslu fi jew li jtilqu minn ajrudrom li jinsab fit-territorju tal-Iżvizzera, ħliel għal titjiriet li jtilqu minn ajrudrom li jinsab fit-territorju taż-ŻEE. Kwalunkwe deroga temporanja fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS, bħal deroga fis-sens tal-Artikolu 28a tad-Direttiva 2003/87/KE, tista' tapplika fir-rigward tal-ETS tal-Iżvizzera f'konformità ma' daww introdotti fl-EU ETS. L-emissjonijiet tas-CO ₂ biss għandhom ikunu koperti għall-attivitajiet tal-avjazzjoni.

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
		<p>u tal-Kunsill, fir-rigward tal-esklużjoni ta' titjiriet li jidħlu mill-Iżvizzera mill-iskema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet</p> <p>— Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.</p> <p>Mill-1 ta' Jannar 2020, titjiriet minn ajrudrom li jinsab fit-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE") għal ajrudromi li jinsabu fit-territorju tal-Iżvizzera għandhom jiġu koperti mill-EU ETS, filwaqt li t-titjiriet minn ajrudromi li jinsabu fit-territorju tal-Iżvizzera lejn ajrudromi li jinsabu fit-territorju taż-ŻEE għandhom jiġu esklużi mill-EU ETS, skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE.</p>	<p>2. Limitazzjonijiet tal-kopertura Il-kopertura ġenerali msemmija fil-punt 1 ma għandhiex tinkludi:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Titjiriet imwettqa esklussivament għat-trasport fuq missjoni uffiċjali ta' monarka renjanti u l-familja immedjata tiegħu/tagħha, kapijiet ta' Stat, kapijiet ta' Gvern u Ministri ta' Gvern, fejn dan huwa ssostranzjat minn indikatur xieraq tal-istatus fil-pjan tat-titjira. 2. Titjiriet militari, tad-dwana u tal-pulizija. 3. Titjiriet relatati ma' tiftix u salva-taġġ, titjiriet għat-tifi tan-nar, titjiriet umanitarji u titjiriet ta' servizzi mediċi ta' emerġenza. 4. Titjiriet imwettqa esklussivament skont ir-regoli tat-titjir viżwali kif definit fl-Anness 2 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tas-7 ta' Diċembru 1944. 5. Titjiriet li jitterminaw fl-ajrudrom minn fejn ikun telaq l-inġenju tal-ajru u li matulhom ma jkun sar ebda nżul intermedjarju ppjanat. 6. Titjiriet ta' taħriġ li jsiru esklussivament sabiex tinkiseb jew tinżamm liċenzja, jew klassifikazzjoni fil-każ ta' ekwipaġġ tat-titjira tal-kabina fejn dan jiġi ssostranzjat permezz ta' rimarka adegwata fil-pjan tat-titjira diment li t-titjira ma tkunx qed isservi ta' trasport ta' passiġġieri u/jew ta' merkanzija jew għall-ippożizzjonar jew it-trasportazzjoni tal-inġenju tal-ajru nnifsu. 7. Titjiriet imwettqa esklussivament għall-fini ta' riċerka xjentifika. 8. Titjiriet imwettqa esklużivament għall-fini ta' verifika, ittestjar jew ċertifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru jew ta' tagħmir kemm jekk fl-ajru kif ukoll jekk ibbażat fuq l-art. 9. Titjiriet imwettqa b'inġenji tal-ajru b'massa massima tat-tluq ta' anqas minn 5 700 kilogramma. 10. Titjiriet ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru kummerċjali b'emissjonijiet annwali totali ta' inqas minn 10 000 tunnellata fuq titjiriet koperti mill-ETS tal-Iżvizzera jew

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
			<p>b'inqas minn 243 titjira għal kull perjodu għal tliet perjodi konsekutivi ta' erba' xhur fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS tal-Iżvizzera, jekk l-operaturi ma jkunux koperti mill-EU ETS.</p> <p>11. Titjiriet ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali koperti mill-ETS tal-Iżvizzera b'emissjonijiet annwali totali ta' inqas minn 1 000 tunnellata skont id-deroga rispettiva applikata fl-EU ETS, jekk l-operaturi ma jkunux koperti mill-EU ETS.</p> <p>Dawn il-limitazzjonijiet tal-kopertura huma previsti fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 16a tal-Att tas-CO₂ — L-Artikolu 46(d) u l-Artikoli 55(2) u l-Anness 13 tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
3.	L-iskambju ta' data rilevanti dwar l-applikazzjoni tal-limitazzjonijiet tal-kopertura ta' attivitajiet tal-avjazzjoni	Iż-żewġ partijiet għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-applikazzjoni tal-limitazzjonijiet tal-kopertura fl-ETS tal-Iżvizzera u fl-EU ETS għall-operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali f'konformità ma' dan l-Anness. B'mod partikolari, iż-żewġ partijiet għandhom jiżguraw it-trasferiment f'waqtu tad-data rilevanti kollha sabiex tkun tista' ssir identifikazzjoni korretta tat-titjiriet u tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma koperti mill-ETS tal-Iżvizzera u mill-EU ETS.	
4.	Il-limitu (kwantità totali ta' kwoti li għandha tiġi allokata lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru)	<ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 3c tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. — L-Artikolu 3c tad-Direttiva 2003/87/KE inizzjalment alloka kwoti kif ġej: <ul style="list-style-type: none"> — 15 % rkantati — 3 % twarrbu friżerva speċjali — 82 % ġew allokati mingħajr ħlas. <p>L-allokazzjonijiet ġew emendati bir-Regolament (UE) Nru 421/2014 billi l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas tnaqqset bi proporzjon mat-tnaqqis tal-obbligu ta' restituzzjoni (l-Artikolu 28a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE). Ir-Regolament (UE) 2017/2392, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, estenda dan l-approċċ sal-2023, u japplika l-fattur ta' tnaqqis lineari ta' 2,2 % mill-1 ta' Jannar 2021.</p>	<p>Il-limitu għandu jirrifletti livell simili ta' strettezza bħal dak fl-EU ETS, b'mod partikolari fir-rigward tar-rata perċentwali ta' tnaqqis bejn is-snin u l-perjodi ta' negozjar. Il-kwoti fil-limitu għandhom jiġu allokati kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 15 % għandhom jiġu rkantati, — 3 % għandhom jitwarrbu friżerva speċjali — 82 % għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas. <p>Din l-allokazzjoni tista' tiġi riveduta f'konformità mal-Artikoli 6 u 7 ta' dan il-Ftehim.</p> <p>Sal-2020, il-kwantità ta' kwoti fi ħdan il-limitu għandha tiġi kkalkulata minn isfel għal fuq abbażi tal-kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas skont id-distribuzzjoni tal-limitu kif imsemmi hawn fuq. Kwalunkwe deroga temporanja fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS għandha teħtieġ l-aġġustamenti proporzjonali korrispondenti għall-ammonti li jridu jiġu allokati.</p>

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
			<p>Mill-2021, il-kwantità ta' kwoti fi ħdan il-limitu għandha tiġi determinata mill-limitu fl-2020, filwaqt li titqies rata perċentwali ta' tnaqqis possibbli skont l-EU ETS.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 18 tal-Att tas-CO₂ — L-Artikolu 46e, u l-Anness 15 tal-Ordinanza tas-CO₂, <p>kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022</p>
5.	L-allokkazzjoni ta' kwoti għall-avjazzjoni permezz tal-irkantar ta' kwoti	— L-Artikoli 3d u 28a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim	<p>Il-kwoti tal-emissjonijiet Żvizzeri għall-irkantar għandhom jiġu rkantati mill-awtorità kompetenti Żvizzeri.</p> <p>L-Iżvizzera hija intitolata għad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti Żvizzeri.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 19a(2) u (4) tal-Att tas-CO₂ — L-Artikolu 48 u l-Anness 15 tal-Ordinanza tas-CO₂, <p>kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.</p>
6.	Ir-riżerva speċjali għal ċerti operaturi ta' inġenji tal-ajru	— L-Artikolu 3f tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim	<p>Il-kwoti għandhom jitwarrbu frizerva speċjali għal parteċipanti ġodda u għal dawk bi tkabbir mgħaġġel, ħliet li sal-2020, minħabba li s-sena ta' referenza għall-akkwist ta' data għall-attivitajiet Żvizzeri tal-avjazzjoni għandha tkun l-2018, l-Iżvizzera mhux se jkollha riżerva speċjali.</p> <p>Din ir-riżerva speċjali hija prevista fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 18(3) tal-Att tas-CO₂ — L-Artikolu 46e, u l-Anness 15 tal-Ordinanza tas-CO₂, <p>kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.</p>
7.	Il-parametru referenzjarju għall-allokkazzjoni mingħajr h̄las ta' kwoti għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru	— L-Artikolu 3e tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim Il-parametru referenzjarju annwali huwa ta' 0,000642186914222035 ta' kwoti għal kull tunnellata-kilometru.	<p>Il-parametru referenzjarju ma għandux ikun ogħla minn dak fl-EU ETS.</p> <p>Il-parametru referenzjarju annwali huwa ta' 0,000642186914222035 ta' kwoti għal kull tunnellata-kilometru.</p> <p>Dan il-parametru huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 46f(1) u l-Anness 15 tal-Ordinanza tas-CO₂, <p>kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.</p>

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
8.	L-allokkazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru	<p>— L-Artikolu 3e tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim</p> <p>L-aġġustamenti għandhom isiru skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-ħruġ ta' kwoti b'mod proporzjonali mal-obbligi korrispondenti ta' rapportar u ta' ċediment li jirriżultaw mill-kopertura attwali skont l-EU ETS ta' titjiriet bejn iż-ŻEE u l-Iżvizzera.</p>	<p>L-għadd ta' kwoti tal-emissjonijiet li jiġu allokati mingħajr ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jiġi kkalkulat permezz tal-multiplikazzjoni tad-data f'tunnellati-kilometri rapportata taġġhom mwettqa fis-sena ta' referenza mill-parametru referenzjarju applikabbli.</p> <p>Din l-allokkazzjoni mingħajr ħlas hija prevista:</p> <p>— L-Artikolu 19a(3) u (4) tal-Att tas-CO₂</p> <p>— L-Artikolu 46f(1) u (3) u l-Anness 15 tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.</p>
9.	Il-limiti kwalitattivi għall-krediti internazzjonali għandhom ikunu tal-anqas stretti daqs dawk stabbiliti fi:	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fid-dritt tal-Unjoni mill-2021 'il quddiem.	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fil-liġi Żvizzera mill-2021 'il quddiem.
10.	Il-limiti kwantitattivi għall-użu ta' krediti internazzjonali	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fid-dritt tal-Unjoni mill-2021 'il quddiem.	L-ebda dritt għall-użu tal-krediti internazzjonali ma huwa previst fil-liġi Żvizzera mill-2021 'il quddiem.
11.	Il-kisba ta' data f'tunnellati-kilometri għas-sena ta' referenza	<p>— L-Artikolu 3e tad-Direttiva 2003/87/KE, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.</p>	<p>Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjoni ta' hawn taħt, il-kisba ta' data ġdida f'tunnellati-kilometri għandha ssir fl-istess ħin u bl-istess metodu bħall-kisba ta' data f'tunnellati-kilometri għall-EU ETS.</p> <p>Sakemm tinkiseb data ġdida f'tunnellati-kilometri, u f'konformità mal-Ordinanza dwar il-Kisba ta' Data f'Tunnellati-Kilometri u l-Preparazzjoni ta' Pjanijiet ta' Monitoraġġ b'rabta mad-Distanzi ta' Titjir tal-Inġenji tal-Ajru kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, is-sena ta' referenza għall-kisba ta' data għall-attivitajiet Żvizzeri tal-avjazzjoni għandha tkun l-2018.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <p>— L-Artikolu 19a(3) u (4) tal-Att tas-CO₂</p> <p>— L-Artikolu 46f(1) u l-Anness 15 tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.</p>

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
12.	Il-monitoraġġ u r-rapportar	<ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 14 u l-Anness IV tad-Direttiva 2003/87/KE — Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 — Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 tat-18 ta' Lulju 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni għall-iskop li tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021. 	<p>Id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom jirriflettu l-istess livell ta' strettezza bħal fl-EU ETS.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 20 tal-Att tas-CO₂ — L-Artikoli minn 50 sa 52 u l-Annessi 16 u 17 tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
13.	Il-verifika u l-akkreditament	<ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 15 u l-Anness V tad-Direttiva 2003/87/KE — Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim 	<p>Id-dispożizzjonijiet dwar il-verifika u l-akkreditament għandhom jirriflettu l-istess livell ta' strettezza bħal fl-EU ETS.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 52(4) u (5) u l-Anness 18 tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
14.	L-amministrazzjoni	<p>Għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 18a tad-Direttiva 2003/87/KE. Għal dan il-għan u skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Iżvizzera għandha titqies bħala Stat Membru Amministrattiv fir-rigward tal-attribuzzjoni tal-amministrazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru lill-Iżvizzera u lill-Istati Membri tal-UE (ŻEE). Skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE (ŻEE) għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti kollha relatati mal-amministrazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru attribwiti lilhom, inklużi wkoll dawk il-kompiti relatati mal-ETS tal-Iżvizzera (eż. ir-riċeviment ta' rapporti verifikati dwar</p>	<p>L-Iżvizzera għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru:</p> <ul style="list-style-type: none"> — b'liċenzja operattiva valida li tkun ingħatat mill-Iżvizzera, jew — bl-akbar emissjonijiet attribwiti lill-avjazzjoni stmati fl-Iżvizzera skont l-ETS kollegati. <p>L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti kollha relatati mal-amministrazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru attribwiti lill-Iżvizzera, inklużi l-kompiti relatati mal-EU ETS (eż. ir-riċeviment ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li jkopru l-attivitajiet tal-avjazzjoni kemm tal-UE kif ukoll tal-Iżvizzera, l-amministrazzjoni tal-operaturi u l-kontijiet tal-inġenji tal-ajru, il-konformità u l-infurzar).</p>

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
		<p>L-emissjonijiet li jkopru l-attivitajiet tal-avjazzjoni kemm tal-UE kif ukoll tal-Iżvizzera, l-amministrazzjoni tal-operaturi u l-kontijiet tal-inġenji tal-ajru, il-konformità u l-infurzar).</p> <p>Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiftiehem bilateralment mal-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri dwar it-trasferiment tad-dokumentazzjoni u tal-informazzjoni rilevanti.</p> <p>B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura t-trasferiment lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati mill-Iżvizzera tal-ammont ta' allokkazzjoni mingħajr hłas tal-kwoti tal-UE.</p> <p>Fil-każ ta' ftehim bilaterali dwar l-amministrazzjoni ta' titjriet li joperaw fir-rigward ta' EuroAirport Basel-Mulhouse-Freiburg li ma jinvolvi emendi għad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni Ewropea għandha, skont kif ikun xieraq, tiffaċilita l-implimentazzjoni tat-tali ftehim, sakemm dan ma jwassalx għal għadd doppju.</p>	<p>L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jaqblu bilateralment mal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasferiment tad-dokumentazzjoni u tal-informazzjoni rilevanti.</p> <p>B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jitransferixxu lill-operaturi ta' inġenji tal-ajru amministrati mill-Istati Membri tal-UE (ŻEE) l-ammont ta' allokkazzjoni mingħajr hłas ta' kwoti Żvizzeri.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 39(1bis) tal-Att tas-CO₂ — L-Artikolu 46d u l-Anness 14 tal-Ordinanza tas-CO₂, kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
15.	Iċ-ċediment	<p>Meta jivvalutaw il-konformità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru fuq il-bażi tal-ammont ta' kwoti ċeduti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-EU (ŻEE) għandhom l-ewwel nett jagħtu kont tal-emissjonijiet koperti mill-ETS tal-Iżvizzera u jużaw l-ammont li jifdal tal-kwoti ċeduti biex jagħtu kont tal-emissjonijiet koperti mill-EU ETS.</p>	<p>Meta jivvalutaw il-konformità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru fuq il-bażi tal-ammont ta' kwoti ċeduti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Iżvizzera għandhom l-ewwel nett iqisu l-emissjonijiet koperti mill-EU ETS u jużaw l-ammont li jifdal tal-kwoti ċeduti biex iqisu l-emissjonijiet koperti mill-ETS tal-Iżvizzera.</p> <p>Dan huwa previst fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Artikolu 55(2^{bis}) tal-Ordinanza tas-CO₂ kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.
16.	L-infurzar ġuridiku	<p>Il-Partijiet għandhom jinfurzar id-dispożizzjonijiet tal-ETS rispettivi tagħhom fir-rigward ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li ma jissodisfawx l-obbligi fl-ETS rispettiva, irrISPETTIVAMENT minn jekk l-operatur ikunx amministrat minn awtorità kompetenti tal-UE (ŻEE) jew minn awtorità kompetenti Żvizzeri fil-każ li l-infurzar mill-awtorità li tkun qed tamministra lill-operatur ikun jeħtieġ azzjoni addizzjonali.</p>	

	Kriterji essenzjali	Għall-UE	Għall-Iżvizzera
17.	L-attribuzzjoni amministrattiva tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru	Skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE, il-lista tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru ppubblikata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 18a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE għandha tispeċifika l-Istat amministrattiv, inkluż l-Iżvizzera, għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru attribwiti lill-Iżvizzera għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu amministrati mill-Iżvizzera wara t-30 ta' April tas-sena tal-attribuzzjoni u ladarba l-kollegament bejn ir-reġistri provviżorju jkun operazzjonali. Iż-żewġ partijiet għandhom jikkooperaw billi jikkondividu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni rilevanti. L-attribuzzjoni ta' operatur ta' inġenji tal-ajru m'għandhiex taffettwa l-kopertura ta' dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru mill-ETS rispettiva (jiġifieri, operatur kopert mill-EU ETS amministrat mill-awtorità kompetenti Żvizzera għandu jkollu l-istess livell ta' obbligi skont l-EU ETS flimkien mal-kopertura tiegħu skont l-ETS tal-Iżvizzera, u viċeversa).	
18.	Il-modalitajiet għall-implimentazzjoni	Kwalunkwe modalità addizzjonali meħtieġa għall-organizzazzjoni tax-xogħol u għall-kooperazzjoni fi ħdan il-punt uniku ta' servizz għad-detenturi ta' kontijiet tal-avjazzjoni għandha tiġi żviluppata u adottata mill-Kumitat Konġunt wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, skont l-Artikoli 12, 13 u 22 ta' dan il-Ftehim. Dawn il-modalitajiet għandhom japplikaw mid-data li fiha japplika dan il-Ftehim.	
19.	L-assistenza minn Eurocontrol	Għall-parti tal-avjazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni Ewropea għandha tinkludi lill-Iżvizzera fi ħdan il-mandat mogħti lill-Eurocontrol fir-rigward tal-EU ETS.	

C. Kriterji Essenzjali għar-Reġistri

L-ETS ta' kull Parti għandha tinkludi reġistru u reġistru tat-tranżazzjonijiet, li għandhom jissodisfaw il-kriterji essenzjali li ġejjin fir-rigward ta' mekkaniżmi u proċeduri ta' sigurtà u b'rabta mal-ftuħ u mal-ġestjoni tal-kontijiet:

Kriterji Essenzjali b'rabta mal-Mekkaniżmi u mal-Proċeduri tas-Sigurtà

Ir-reġistri u r-reġistri tat-tranżazzjonijiet għandhom jipproteġu l-kunfidenzjalità, l-integrità, id-disponibbiltà u l-awtentiċità tad-data maħżuna fis-sistema. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom jimplimentaw il-mekkaniżmi ta' sigurtà li ġejjin:

Kriterji Essenzjali

Biex jiġu aċċessati l-kontijiet, hemm bżonn ta' mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni b'żewġ fatturi għall-utenti kollha li jaċċessaw il-kont.

Kemm biex tinbeda tranżazzjoni kif ukoll biex din tiġi approvata hemm bżonn ta' mekkaniżmu ta' ffirmar tat-tranżazzjoni. Il-kodiċi ta' konferma għandu jintbagħat lill-utenti barra mill-medda ta' frekwenzi normali.

Kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet segwenti għandha tinbeda minn persuna waħda u tiġi approvata minn oħra (il-prinċipju ta' 4-għajnejn):

- l-operazzjonijiet kollha mwettqa minn amministratur, sakemm ma japplikawx eċċezzjonijiet kif definiti fl-LTS
- it-trasferimenti kollha ta' unitajiet sakemm ma jkunux ġustifikati minn miżura alternattiva li ttipprovdi l-istess livell ta' sigurtà.

Għandu jkun hemm sistema ta' notifiċi fis-seħħ li twissi lill-utenti meta jitwettqu operazzjonijiet li jinvolvu l-kontijiet u l-assi tagħhom.

 Kriterji Essenzjali

Japplika dewmien minimu ta' 24 siegħa bejn il-bidu ta' trasferiment u l-eżekuzzjoni tiegħu lill-utenti kollha sabiex jirċievu l-informazzjoni u jieqaf kwalunkwe trasferiment illeġittimu suspettat, sakemm sistema ta' kontijiet affidabbli ma tippredix l-istess livell ta' sikurezza.

L-amministratur Żvizzeru u l-amministratur ċentrali tal-Unjoni għandhom jieħdu passi biex jinfurmaw lill-utenti dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tas-sigurtà tas-sistemi tagħhom (PC, network,...) u fir-rigward tal-amministrazzjoni tad-data/tan-navigazzjoni fuq l-Internet.

Fir-rigward il-konformità, u suġġett għal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet, l-emissjonijiet jistgħu jiġu koperti biss b'skambji maħruġa fl-istess perjodu jew qablu.

Kriterji Essenzjali b'rabta mal-Ftuħ u mal-Ġestjoni tal-Kontijiet

 Kriterji Essenzjali

Ftuħ ta' Kont tal-Operatur/Kont ta' Depożitu tal-Operatur

L-applikazzjoni mill-operatur jew mill-awtorità kompetenti għat-talba ta' ftuħ ta' kont (ta' depożitu) tal-operatur għandha tiġi indirizzata lill-amministratur nazzjonali (l-Uffiċċju Federali tal-Ambjent, FOEN, għall-Iżvizzera). L-applikazzjoni għandha tinkludi biżżejjed informazzjoni sabiex tidentifika l-installazzjoni tal-ETS u ID adegwata tal-installazzjoni.

Ftuħ ta' Kont tal-Operatur ta' Inġenji tal-Ajru/Kont ta' Depożitu ta' Operatur ta' Inġenji tal-Ajru

Kull operatur ta' inġenji tal-ajru kopert mill-ETS tal-Iżvizzera jew mill-EU ETS għandu jkollu kont wieħed tal-operatur ta' inġenji tal-ajru/kont ta' depożitu wieħed ta' operatur ta' inġenji tal-ajru. Fil-każ tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru amministrati mill-awtorità kompetenti Żvizzeri dan il-kont għandu jinżamm fir-reġistru Żvizzeru. L-applikazzjoni mill-operatur tal-inġenji tal-ajru jew minn rappreżentant awtorizzat tal-operatur tal-inġenji tal-ajru għandha tiġi indirizzata lill-amministratur nazzjonali (FOEN għall-Iżvizzera) fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew mit-trasferiment tiegħu minn Stat Membru tal-UE (ŻEE) lill-awtoritajiet Żvizzeri. L-applikazzjoni għandha tinkludi l-kodiċi jew kodiċijiet uniċi tal-inġenju tal-ajru operat mill-applikant li jaqgħu skont l-ETS tal-Iżvizzera u/jew tal-EU ETS.

Ftuħ ta' Kont Kummerċjali/ Kont ta' Depożitu Personali/

L-applikazzjoni għal talba għall-ftuħ ta' kont kummerċjali/kont ta' depożitu personali għandha tiġi indirizzata lill-amministratur nazzjonali (FOEN għall-Iżvizzera). Għandha tinkludi biżżejjed informazzjoni għall-identifikazzjoni tad-detentur/tal-applikant tal-kont u għandha tinkludi tal-anqas:

- għal persuna fiżika: prova tal-identità u d-dettalji ta' kuntatt
- għal persuna ġuridika:
 - il-kopja tar-reġistru kummerċjali, jew
 - dokument li jagħti xhieda tar-reġistrazzjoni tal-entità ġuridika u, jekk jixraq, l-istrument li jistabbilixxi l-entità ġuridika
- ir-rekords kriminali tal-persuna fiżika jew, jekk jixraq, fil-każ ta' persuna ġuridika, tad-diretturi tagħha.

Rappreżentanti Awtorizzati/tal-Kont

Kull kont għandu jkollu tal-anqas rappreżentant awtorizzat/tal-kont wieħed innominat mid-detentur tal-kont prospettiv. Ir-rappreżentanti awtorizzati/tal-kont għandhom jibdeu it-tranżazzjonijiet u proċessi oħra fisem id-detentur tal-kont. Meta jiġi nnominat ir-rappreżentant awtorizzat/tal-kont, għandha tiġi trazzmessa l-informazzjoni li ġejja dwar ir-rappreżentant awtorizzat/tal-kont:

- isem u dettalji ta' kuntatt
- id-dokument ġustifikattiv tal-identifikazzjoni
- rekord kriminali.

Il-kontroll tad-dokumenti

Kwalunkwe kopja ta' dokument li tiġi sottomessa bħala evidenza għall-ftuħ ta' kont kummerċjali/kont ta' depożitu personali jew għan-nomina ta' rappreżentant awtorizzat/ta' kont trid tkun ċertifikata bħala kopja vera. Fir-rigward ta' dokumenti maħruġa barra mill-Istat li jkun qed jitlob kopja, il-kopja trid tiġi legalizzata, għajr jekk tkun prevista permezz tal-liġi nazzjonali. Id-data taċ-ċertifikazzjoni u, fejn rilevanti, tal-legalizzazzjoni ma tridx tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni.

Kriterji Essenzjali

Rifjut għall-ftuħ jew għall-aġġornament ta' kont jew għan-nomina ta' rappreżentant awtorizzat/tal-kont Amministratur nazzjonali (il-FOEN għall-Iżvizzera) jista' jirrifjuta li jiftaħ jew li jaġġorna kont jew li jinnomina rappreżentant awtorizzat/ta' kont diment li r-rifjut ikun raġonevoli u ġustifikabbli. Ir-raġunijiet għar-rifjut għandhom ikunu ġustifikati abbażi ta' mill-inqas waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

- l-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti jkunu mhux kompluti, skaduti, jew inkella skorretti
- ir-rappreżentant prospettiv ikun qed jiġi investigat jew ikun instab ħati fil-ħames snin preċedenti ta' frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reati gravi oħra li għalihom il-kont seta' kien strumentali
- raġunijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni.

Reviżjoni regolari tal-informazzjoni dwar il-kont

Id-detenturi tal-kont għandhom jirrapportaw kwalunkwe tibdil fil-kont jew fid-data dwar l-utent lill-amministratur nazzjonali (FOEN għall-Iżvizzera) fi żmien 10 t'ijiem, iġġustifikat minn informazzjoni kif meħtieġ mill-amministratur nazzjonali li huwa responsabbli għall-approvazzjoni tal-aġġornament fwaqtu tal-informazzjoni.

Mill-anqas darba kull tliet snin, l-amministratur nazzjonali għandu jivvaluta jekk l-informazzjoni relatata ma' kont tkunx għadha kompleta, aġġornata, preċiża u vera, u għandu jitlob li d-detentur tal-kont jinnotifika kwalunkwe tibdil kif ikun xieraq. Fil-każ ta' Kontijiet tal-Operaturi/Kontijiet ta' Depożitu tal-Operaturi, Kontijiet tal-Operaturi tal-Inġenji tal-Ajru/Kontijiet ta' Depożitu tal-Operaturi tal-Inġenji tal-Ajru u verifikaturi, il-valutazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba kull ħames snin.

Sospensjoni ta' Aċċess għal Kont

Fejn tinkiser kwalunkwe dispożizzjoni skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim relattivament għal reġistri jew tkun pendenti xi investigazzjoni dwar il-possibiltà ta' ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet, l-aċċess għall-kontijiet jista' jiġi sospiż.

Kunfidenzjalità u żvelar tal-informazzjoni

L-informazzjoni, inkluż iż-żamma tal-kontijiet kollha, it-tranżazzjonijiet kollha magħmula, il-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità tal-kwoti u l-valur numeriku uniku tan-numru tas-serje tal-unità tal-unitajiet ta' Kjoto miżmuma jew affettwati minn tranżazzjoni, miżmuma fl-EUTL jew fl-SSTL, fir-Reġistru tal-Unjoni, fir-reġistru Żvizzeru u fi kwalunkwe reġistru tal-Protokoll ta' Kyoto ieħor għandhom jitqiesu kunfidenzjali.

Tali informazzjoni kunfidenzjali tista' tingħata lill-entitajiet pubbliċi rilevanti fuq talba taġġhom jekk dawn it-talbiet isegwu objettiv leġittimu u huma ġustifikati, meħtieġa u proporzjonati għall-finijiet ta' investigazzjoni, detezzjoni, prosekuzzjoni, amministrazzjoni tat-taxxa, infurzar, awditjar u superviżjoni finanzjarja għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, kriminalità serja oħra, abbuż tas-suq jew ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera biex jiżgura l-funzjonament tajjeb tal-EU ETS u tal-ETS tal-Iżvizzera.

D. Kriterji Essenzjali għall-Pjattaformi tal-Irkantar u għall-Attivitajiet tal-Irkantar

L-entitajiet li jwettqu l-irkanti tal-kwoti fl-ETS tal-Partijiet għandhom jissodisfaw il-kriterji essenzjali li ġejjin u għandhom iwettqu l-irkanti skont dan:

Kriterji Essenzjali	
1.	L-entità li tmexxi l-irkant għandha tintgħażel permezz ta' proċess li jiżgura trasparenza, proporzjonalità, trattament indaqs, non-diskriminazzjoni u kompetizzjoni bejn il-pjattaformi tal-irkant potenzjali differenti abbażi tad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali dwar l-akkwist.
2.	L-entità li tmexxi l-irkant għandha tkun awtorizzata għal din l-attività u għandha tippovdi s-salvagwardji meħtieġa fit-tweqqif tal-operazzjonijiet taġġha; dawk is-salvagwardji jinkludu, fost l-oħrajn, arranġamenti għall-identifikazzjoni u għall-ġestjoni tal-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji li għalihom ikun espost is-suq, li jkun hemm regoli u proċeduri trasparenti u mhux diskrezzjonali għal irkantar ġust u ordnat u biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jiġi faċilitat il-funzjonament kif suppost.

	Kriterji Essenzjali
3.	L-aċċess għall-irkanti għandu jkun soġġett għal rekwiżiti minimi fir-rigward ta' kontrolli adegwati tad-diliġenza tal-klijenti biex jiġi żgurat li l-parteċipanti ma jimminawx l-operat tal-irkanti.
4.	Il-proċess tal-irkantar għandu jkun prevedibbli, b'mod partikolari fir-rigward taż-żmien u tas-sekwenza tal-bejgħ u tal-volumi stmati li għandhom ikunu disponibbli. L-elementi prinċipali tal-metodu tal-irkantar, inkluż l-iskeda, id-dati u l-volumi stmati tal-bejgħ għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-entità li tmexxi l-irkant tal-anqas xahar qabel il-bidu tal-irkanti. Kwalunkwe aġġustament sinifikanti għandu jitħabbar malajr kemm jista' jkun prattikabbli, inkluż minn qabel ukoll.
5.	L-irkantar tal-kwoti għandu jitwettaq bl-objettiv li jiġi minimizzat kwalunkwe impatt fuq l-ETS ta' kull Parti. L-entità inkarigata mill-irkant għandha tiżgura l-prezzijiet uniformi tal-irkanti ma jiddevjawx b'mod sinifikanti mill-prezz rilevanti għall-kwoti fis-suq sekondarju matul il-perijodu tal-irkant, sitwazzjoni li tkun tindika nuqqas fl-irkanti. Il-metodoloġija li tiddetermina d-devjazzjoni msemmija fis-sentenza ta' qabel għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti li jeżerċitaw funzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq.
6.	L-informazzjoni mhux kunfidenzjali kollha li hija pertinenti għall-irkanti, inklużi l-leġiżlazzjoni, il-gwidi u l-formoli kollha, għandha tiġi ppubblikata b'mod miftuħ u trasparenti. Ir-riżultati ta' kull irkant mwettaq għandhom jiġu ppubblikati malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikabbli u jinkludu l-informazzjoni mhux kunfidenzjali rilevanti. Ir-rapporti dwar ir-riżultati tal-irkanti għandhom jiġu ppubblikati tal-anqas darba fis-sena.
7.	L-irkantar tal-kwoti għandu jkun soġġett għal regoli u proċeduri adegwati biex itaffi r-riskju ta' komportament antikompertittiv, abbuż tas-suq, ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu fl-irkanti. Kemm jista' jkun possibbli, dawn ir-regoli u l-proċeduri għandhom ma jkunux inqas stretti minn daww applikabbli għas-swieq finanzjarji fir-reġimi legali rispettivi tal-Partijiet. B'mod partikolari, l-entità li tmexxi l-irkant għandha tkun responsabbli għall-istabbiliment ta' miżuri, proċeduri u proċessi sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-irkanti. Għandha timmonitorja wkoll l-imġiba tal-parteċipanti tas-suq u tinnotifika lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti f'każ ta' komportament antikompertittiv, abbuż tas-suq, ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu.
8.	L-entità li twettaq l-irkanti u l-irkantar tal-kwoti għandha tkun soġġetta għal superviżjoni adegwata mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandu jkollhom il-kompetenzi legali neċessarji u l-arranġamenti tekniċi biex jagħmlu superviżjoni ta': <ul style="list-style-type: none"> — l-organizzazzjoni u l-kondotta tal-operaturi tal-pjattaformi tal-irkanti — l-organizzazzjoni u l-kondotta tal-intermedjarji professjonali li jaġixxu f'isem il-klijenti — l-imġiba u t-tranżazzjonijiet tal-parteċipanti tas-suq, sabiex jiġi evitat abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq — it-tranżazzjonijiet tal-parteċipanti fis-suq, sabiex jiġi evitat il-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. <p>Sa fejn ikun possibbli, is-superviżjoni ma għandhiex tkun inqas stretta mis-superviżjoni fuq is-swieq finanzjarji fir-reġimi legali rispettivi tal-Partijiet.</p>

L-Iżvizzera għandha tagħmel hilita biex tagħmel użu minn entità privata għall-irkantar tal-kwoti tagħha, skont ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Sa meta tiġi kkuntrattata tali entità, u dment li l-għadd ta' kwoti li ser jiġu rkantati f'sena jkun taħt limitu fiss, l-Iżvizzera tista' tkompli tuża l-arranġamenti attwali għall-irkantar, jiġifieri l-irkanti operati mill-FOEN, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Il-livell limitu għandu jkun ta' 1 000 000 kwota, li jinkludi l-kwoti li għandhom jiġu rkantati għall-attivitajiet tal-avjazzjoni.
2. Għandhom japplikaw il-kriterji essenzjali minn 1 sa 8, bl-eċċezzjoni tal-kriterji 1 u 2, filwaqt li l-aħħar sentenza tal-kriterju 5 u l-kriterji 7 u 8 japplikaw biss għall-FOEN sal-limitu possibbli.

Għandu japplika l-Kriterju Essenzjali 3, flimkien mad-dispożizzjoni li ġejja: l-ammissjoni għas-sottomissjoni ta' offerri fl-irkanti tal-kwoti Żvizzeri skont l-arranġamenti għall-irkantar li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih ġie ffirmat dan il-Ftehim għandhom jiġu garantiti għall-entitajiet kollha fiż-ŻEE li huma ammessi biex jissottomettu offerri fl-irkanti fl-Unjoni.

L-Iżvizzera tista' tawtorizza lil entitajiet li jinsabu fiż-ŻEE biex imexxu l-irkant.”.

2. L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“ANNEX IV

DEFINIZZJONI TA' LIVELLI TA' SENSITTIVITÀ TAL-ETS

A.1 – Klassifikazzjoni tal-Kunfidenzjalità u tal-Integrità

“Kunfidenzjalità” tfisser in-natura riżervata tal-informazzjoni jew ta' sistema ta' informazzjoni kollha jew parti minnha (bħal algoritmi, programmi u dokumentazzjoni) li l-aċċess għaliha jkun limitat għal persuni, korpi u proċeduri awtorizzati.

“Integrità” tfisser il-garanzija li s-sistema ta' informazzjoni u l-informazzjoni pproċessata jistgħu jiġu alterati biss b'azzjoni intenzjonata u leġittima u li s-sistema ser tipproduċi r-riżultat mistenni b'mod preċiż u b'mod sħiħ.

Għal kull element ta' informazzjoni tal-ETS li jitqies bħala sensitiv, l-aspett ta' kunfidenzjalità għandu jitqies mill-impatt potenzjali fil-livell ta' negozju fejn din l-informazzjoni tiġi żvelata u l-aspett ta' integrità għandu jitqies mill-impatt potenzjali fil-livell ta' negozju fejn din l-informazzjoni fir-rigward ta' modifikazzjoni, qerda parzjali jew kompleta mhux intenzjonata.

Il-livell ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni u l-livell ta' integrità ta' sistema ta' informazzjoni għandhom ikunu klassifikati wara valutazzjoni abbażi tal-kriterji li jinsabu fit-taqsim A.2. Dawk il-klassifikazzjonijiet jippermettu li l-livell ta' sensitività globali tal-informazzjoni jiġi evalwat permezz tat-tabella skematika mogħtija fit-taqsim A.3.

A.2 – Klassifikazzjoni tal-Kunfidenzjalità u tal-Integrità

A.2.1 – “Klassifikazzjoni baxxa”

Għandha tingħata klassifikazzjoni baxxa lil kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ETS li l-iżvelar tagħha lil persuni mhux awtorizzati, u/jew li t-telf ta' integrità tagħha jikkawżaw ħsara moderata lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn li min-naħa tagħha tista':

- taffettwa moderatament ir-relazzjonijiet politiċi jew diplomatiċi;
- tikkawża pubbliċità lokali negattiva għall-immaġni jew għar-reputazzjoni tal-Partijiet jew ta' istituzzjonijiet oħra;
- tikkawża imbarazzament lill-individwi;
- taffettwa l-moral/produttività tal-persunal;
- tikkawża telf finanzjarju limitat jew tiffaċilita moderatament qligħ jew vantaġġ mhux xieraq għall-individwi jew għall-kumpaniji;
- taffettwa moderatament l-iżvilupp jew l-operat effettiv tal-politiki tal-Partijiet;
- taffettwa moderatament l-immaniġġjar xieraq tal-Partijiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

A.2.2 – “Klassifikazzjoni medja”

Għandha tingħata klassifikazzjoni medja lil kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ETS li l-iżvelar tagħha lil persuni mhux awtorizzati, u/jew li t-telf ta' integrità tagħha jikkawżaw ħsara lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn li min-naħa tagħha tista':

- tikkawża imbarazzament lir-relazzjonijiet politiċi jew diplomatiċi;
- tikkawża ħsara lill-immaġni jew lir-reputazzjoni tal-Partijiet jew ta' istituzzjonijiet oħra;
- tikkawża tbatija għall-individwi;
- tikkawża tnaqqis konsegwenzjali fil-moral/produttività tal-persunal;
- timbarazza lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn f'negozjati kummerċjali jew ta' politika ma' oħrajn;

- tikkawża telf finanzjarju jew tiffaċilita qligħ jew vantaġġ mhux xieraq għall-individwi jew għall-kumpaniji;
- taffettwa l-investigazzjoni ta' reat;
- tikser l-obbligi legali jew kuntrattwali dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni;
- taffettwa l-iżvilupp jew l-operat tal-politiki tal-Partijiet;
- taffettwa l-immaniġġjar xieraq tal-Partijiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

A.2.3 – “Klassifikazzjoni għolja” ⁽¹⁾

Għandha tingħata klassifikazzjoni għolja lil kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ETS li l-iżvelar tagħha lil persuni mhux awtorizzati, u/jew li t-telf ta' integrità tagħha jikkawżaw ħsara katastrofika u/jew ħsara mhux aċċettabbli lill-Partijiet jew lil istituzzjonijiet oħrajn li min-naħa tagħha tista':

- taffettwa b'mod avvers ir-relazzjonijiet diplomatiċi;
- tikkawża tbatija sostanzjali lill-individwi;
- tagħmilha aktar diffiċli li tinżamm l-effettività jew is-sigurtà operattiva tal-Partijiet jew ta' forzi ta' kontributori oħra;
- tikkawża telf finanzjarju jew tiffaċilita qligħ jew vantaġġ mhux xieraq għall-individwi jew għall-kumpaniji;
- tikser l-impenji xierqa għaż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi;
- tikser restrizzjonijiet statutorji dwar l-iżvelar tal-informazzjoni;
- tippreġudika l-investigazzjoni jew tiffaċilita t-twettiq ta' reat kriminali;
- tpoġġi lill-Partijiet fi żvantaġġ f'negozjati kummerċjali jew ta' politika ma' oħrajn;
- timpedixxi l-iżvilupp jew l-operat effettiv tal-politiki tal-Partijiet;
- tfixkel l-immaniġġjar xieraq tal-Partijiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

A.3 – Valutazzjoni tal-livell ta' informazzjoni sensitiva tal-ETS

Abbażi tal-klassifikazzjonijiet għall-Kunfidenzjalità u għall-Integrità skont it-taqsimha A.2, u f'konformità mal-livelli ta' sensittività skont l-Anness III ta' dan il-Ftehim, il-livell ta' sensittività globali tal-informazzjoni jiġi determinat permezz tat-tabella skematika li ġejja:

Klassifikazzjoni tal-kunfidenzjalità Klassifikazzjoni tal-integrità	Baxxa	Medja	Għolja
Baxxa	Markatura tal-UE: SENSITTIVA: ETS Joint Procurement Markatura CH : LIMITATA : ETS	Markatura tal-UE/CH: SENSITTIVA: ETS (jew ^(*)) Markatura tal-UE: SENSITTIVA: ETS Joint Procurement Markatura CH: LIMITATA: ETS)	Markatura tal-UE/CH: TRATTAMENT SPEĊJALI: ETS Kritika

⁽¹⁾ Bħala kjarifika, l-għażla tal-kliem skont dan il-punt, A.2.3., tikkonċerna biss “informazzjoni sensitiva” skont it-tifsira tal-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-Ftehim, anke jekk din hi kważi identika mal-għażla tal-kliem użata biex tiddefinixxi informazzjoni klassifikata fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2019/1962 tas-17 ta' Ottubru 2019 dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni għat-trattament ta' informazzjoni klassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED (ĠU UE L 311, 2.12.2019, p. 21).

Medja	Markatura tal-UE/CH: SENSITTIVA: ETS (jew (*)) Markatura tal-UE: SENSITTIVA: Akkwist <i>Konġunt tal-ETS</i> Markatura CH: LIMITED: ETS)	Markatura tal-UE/CH: SENSITTIVA: ETS (jew (*)) Markatura tal-UE/CH: TRATTAMENT SPEĊJALI: ETS Kritika)	Markatura tal-UE/CH: TRATTAMENT SPEĊJALI: <i>ETS Kritika</i>
Għolja	Markatura tal-UE/CH: TRATTAMENT SPEĊJALI: <i>ETS Kritika</i>	Markatura tal-UE/CH: TRATTAMENT SPEĊJALI: ETS Kritika	Markatura tal-UE/CH: TRATTAMENT SPEĊJALI: <i>ETS Kritika</i>

(*) Varjazzjoni possibbli li għandha tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ."